MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2571/1999/1

**Lourdes Magro, personalment u bhala kuratrici *ad litem* ta’ bintha minuri, Ramona Magro.**

**vs**

**Carmelo Bonnett.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi l-attrici hija l-omm naturali tal-minuri Ramona Magro skond l-anness certifikat tat-twelid (immarkat bhala Dok. “LB1”, liema minuri ghandha disa` (9) snin;

Illi l-attrici ilha separata *de facto* minn ma’ zewgha Andrew Magro ghal dawn l-ahhar tnax-il sena;

Illi madwar erba' (4) xhur ilu, l-konvenut Carmelo Bonnett, li kien habib taghha, ha l-imsemmija minuri minghajr permess u minkejja l-oppozizzjoni ta' l-attrici u sa llum qieghed izommha fid-dar ta' bintu Fiona fejn qieghed ukoll jghix hu;

Illi l-minuri mhix qeghda titrabba f'ambjent san izda anzi qeghda tkun esposta ghall-hajja laxka u moralment dubjuza tal-konvenut u ta' membri ohra tal-familja tieghu li jghixu fl-istess dar fejn qed tinzamm il-minuri;

Illi l-konvenut huwa persuna vjolenti li mhux l-ewwel darba li uza vjolenza u sawwat lill-attrici;

Illi l-minuri u l-attrici qeghdin jinzammu milli jaghmlu kuntatt ma' xulxin;

Illi ghalhekk l-attrici pprezentat rikors fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex l-imsemmija minuri tkun ritornata taht il-kura u kustodja taghha, izda l-istess Qorti baghtet lill-partijiet quddiem din il-Qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza a tenur ta' l-**artikolu 485 tal-Kap 12**;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-minuri Ramona Magro ghandha titpogga fil-kura u kustodja ta' l-attrici;

2. Tordna lill-konvenut jirritorna fi zmien qasir u perentorju lill-imsemmija minuri taht il-kura u kustodja ta' l-attrici, u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;

3. Tawtorizza lill-attrici sabiex, fl-eventwali kontumacja tal-konvenut tiehu lill-imsemmija minuri minghand il-konvenut bl-assistenza ta' Marixxalli jew Ufficjali ohra ta' din l-Onorabbli Qorti u dan tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u elenku ta’ dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 19 ta’ Dicembru 1999 sabiex il-kawza tinstema’ b’urgenza, u r-risposta tal-konvenut datata 4 ta’ Frar 2000, u d-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 6 ta’Marzu 2000, fejn cahdet it-talba attrici, izda appuntat il-kawza ghad-19 ta’ Mejju 2000.
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datati 17 ta’ Marzu 2000 a fol.13 tal-process fejn eccepixxa:-

(1) Illi mhux minnu li l-minuri qed jitrabba f’ambjent hazin, izda ghal kuntrarju qed jitrabba f’atmosfera serena u ta’ mhabba familjari.

(2) Illi l-istess eccipjenti qed jiehu hsieb l-edukazzjoni tat-tifla u jsegwiha u jhares il-valur morali taghha.

(3) Illi konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess a fol.14 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 15 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut datata 17 ta’ Marzu 2000 a fol.16 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-attrici rikonvenzjonata ghandha tarbija, Ramona Magro, ta’ disa` (9) snin li twieldet minn relazzjoni taghha mal-konvenut rikonvenzjonat, li minnu llum tinstab *de facto* separata.

Illi l-attrici rikonvenzjonata mhix bniedma affidabbli u mhux fi stat li trabbi lill-minuri.
Illi l-attrici rikonvenzjonata ssawwat lill-minuri u wliedha stess u mhux kapaci li trabbihom wahedha.

Illi llum l-istess minuri Ramona tinstab fil-kura u kustodja tal-konvenut rikonvenzjonat.

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri Ramona ghandha tinghata lill-konvenut.

Bl-ispejjez u l-attrici rikonvenzjonata ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.17 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Audrey Demicoli biex tigbor il-provi u nnominat lill-espert Louise Xerri biex tirrelata dwar il-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tad-19 ta' Mejju 2000 dwar l-access ghall-minuri li minhabba li Dr Mifsud Bonnici talab li jinstema' bl-urgenza gie appuntat ghall-5 ta' Gunju 2000 u l-Qorti diversament presjeduta ordnat li ghandu jinfetah process separat.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 26 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal u d-digriet tal-5 ta' Gunju 2000 fejn il-Qorti ddecidiet ir-rikors fis-sens li fil-vaganzi tas-sajf l-omm ikollha access ghall-minuri darbtejn fil-gimgha u cjoe' nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis minn 12.00.p.m. sas-6.00.p.m. u fil-granet ta' l-iskola dan l-access ghandu jigi ezercitat biss is-Sibt bejn 12.00.p.m. u is-6.00.p.m. u dan minghajr pregudizzju ghal dak li jista' jirrizulta wara l-prezentata tar-rapport. Il-Qorti wkoll irriservat li tipprovdi ulterjorment dwar l-access jekk ir-rapport ma jkunx prezentat sa dakinhar tad-differminent tal-kawza ghad-9 ta' Ottubru 2000 jew mod iehor jekk jidher li ghal xi raguni l-kontestazzjoni ulterjuri tkun sejra ddum biex tigi

determinata. L-access kellu jigi ezercitat billi t-tifla tingabar u tittiehed lura minn quddiem il-Knisja ta' Rahal Gdid, u l-istess minuri ma kellha tkun qatt fil-prezenza ta' persuna tas-sess oppost li mhux membru tal-familja, meta tkun ma xi hadd mill-genituri taghha, u l-partijiet kellhom jobbligaw ruhhom li ma jimmolestawx lil xulxin bl-ebda mod anke verbalment fil-hin ta' l-access.

Rat ir-rikors b'urgenza ta' Carmelo Bonnett ipprezentat fit-12 ta' Lulju 2000 fejn l-istess konvenut talab li l-istess minuri terga tigi fdata fil-kura u kustodja tieghu, wara li allega li fl-1 ta' Lulju 2000 l-istess attrici ezercitat l-access izda ma rritornatx il-minuri ghand il-konvenut.

Rat ir-risposta ta' Lourdes Magro tat-18 ta' Lulju 2000 fejn sostniet li huwa fl-interess suprem tal-minuri li t-talba tar-rikorrenti tigi michuda.

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta datat 22 ta' Awissu 2000 ddecidiet li tisma' lill-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000;

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet kopja legali tad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 8 ta' Jannar 1996.

Rat l-affidavit ta' l-attrici datat 22 ta' Settembru 2000.

Rat ir-rapport ta' Louis Scerri pprezentat fl-4 ta' Settembru 2000.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Ottubru 2000; tat-8 ta' Novembru 2000; tat-8 ta' Jannar 2001 fejn Louise Xerri halfet ir-relazzjoni; tat-22 ta' Jannar 2001; tat-23 ta' April 2001; tat-8 ta' Ottubru 2001, tas-6 ta' Novembru 2001; u tas-6 ta' Marzu 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbal ts-seduta tal-4 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti kif presjeduta hadet konjizzjoni ta' din il-kawza u ordnat li r-rikors jidhol fl-atti tal-kawza bejn il-partijiet. Il-Qorti *in vista* li l-kawza bejn il-partijiet waslet biex tigi konkluza u baqa'

biss seduta wahda ghas-6 ta’ Gunju 2002 u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors dwar il-kura u l-kustodja *pendente lite* b’dan li d-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi li nstemghu f’dan ir-rikors ghandhom jghoddu bhala provi li nstemghu fil-kawza bejn il-partijiet u b’hekk l-inkarigu ta’ l-Assistenta Gudizzjarja gie estiz gbir ta’ provi ghall-istess kawza. Il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja biex tiffissa zewg seduti ohra fil-kawza ghall-provi kollha li fadal, wara liema seduti l-provi tal-partijiet qed jigu minn issa dikjarati maghluqa u l-Assistenta Gudizzjarja ghandha tirritorna l-process;

Rat l-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja Dr Audrey Demicoli datati 5 ta’ Settembru fejn xehdet l-attrici, tal-15 ta’ Settembru 2000; tat-28 ta’ Settembru 2000 meta xehdet Anita Magro, bint l-attrici, tat-28 ta’ Novembru 2000; tal-15 ta’ Frar 2001; tat-28 ta’ Frar 2001; tat-30 ta’ Mejju 2001 meta xehdet Louise Xerri; tad-9 ta’ Lulju 2001 meta xehed il-konvenut; tas-6 ta’ Settembru 2001; tal-25 ta’ Ottubru 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001; tal-15 ta’ Jannar 2002; 26 ta’ Frar 2002 meta xehdu Caroline Grech Bonnici u Vincent Peresso; ta’ l-10 ta’ April 2002; tas-6 ta’ Mejju 2002; tas-6 ta’ Gunju 2002 meta xehdet l-attrici in kontro-ezami; tat-8 ta’ Lulju 2002; tas-16 ta’ Settembru 2002 fejn l-Assistenta Gudizzjarja giet awtorizzata tirritorna l-process.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 61 sa fol. 100 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi nghalqu. L-Assistenta Gudizzjarja rritornat il-process *seduta stante*. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Marzu 2003 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-partijiet biex jipprezentaw noti t’osservazzjonijiet; u tad-19 ta’ Gunju 2003 fejn Dr Joanne Vella Cuschieri ghall-attrici rrimettiet ruhha ghall-provi. Dr Greta Mifsud Agius msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Dicembru 2003. Aktar tard dehret Dr Greta Mifsud Agius li

nfurmat lill-Qorti li se tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto lid-difensur tal-kontroparti.

Rat li l-ebda wahda mill-partijiet *tramite* d-difensuri taghhom ma pprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>PROVI</u>

Illi l-**attrici** bdiet tixhed quddiem l-Assistenta Gudizzjarja imbaghad kompliet b’affidavit. Hija xehdet li hija kellha relazzjoni mal-konvenut ghal madwar tnax-il (12) sena u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija Ramona Magro (il-minuri mertu tal-vertenza odjerna). Meta twieldet it-tarbija hija kienet qed tghix mieghu. Hija kellha zewgt itfal ohra minn zwieg. Hija spjegat li xi hames (5) jew sitt (6) snin mill-affidavit hija u l-konvenut kienu ddecidew li jinfirdu u hija kellha titlaq mill-post fejn kienu joqghodu. Hija kienet se tiehu lit-tfal kollha maghha imma l-konvenut qabad u ha lil binthom huwa u hi bezghet tehodha kontrih. Hija hadet ghalhekk passi legali kontrih u l-Qorti tatha access ghaliha izda meta kienet tmur taraha dejjem kienet tinqala’ xi problema. Wara ftit il-Qorti assenjat it-tifla lilha u ordnat li l-konvenut ikun jista’ jara t-tifla biss f’Centru Hidma Socjali Santa Venera izda darba minnhom mar jaraha hareg biha minn hemm u ma hadhiex lura u hadha ghand hbieb tieghu u t-tifla damet hekk xhur. Fl-ahhar permezz tal-Qorti t-tifla giet rintraccata u l-Qorti kienet issospendiet temporanjament l-access tieghu ghat-tifla. Dan id-digriet fil-fatt jinsab esebit.

Illi wara dan kollu l-attrici regghet irrangat mieghu u ghamlet xi tlett snin u nofs tghix mieghu flimkien mat-tifla Ramona u maz-zewgt itfal l-ohra taghha. Huwa mar jghix fid-dar taghha. Wara tlett snin li regghet irrangat huwa riedha tkecci t-tfal taghha minghajr ebda raguni. Hija rrifjutatat u qaltlu biex jitlaq huwa u meta sema’ hekk sawwatha quddiem binthom li twerwret. Din ma kinitx l-

ewwel darba li sawwatha. Illi huwa gabar xi hwejjeg u ghalkemm ippruvat izzommu hataf lit-tifla u telaq. It-tifla bdiet tghajjat u twerzaq imma mbaghad bezghet minn missierha. Hija b'hekk hadet passi legali u nghatat access ghat-tifla mill-ewwel. Hija pero' ma setghetx tmur taraha d-dar fejn kienet qed tghix ma' missierha ghax kienet tibza' li jsawwatha u minhabba f'hekk kienet tmur l-iskola biex forsi taraha imma l-*Madame* ma kinitx thalliha taraha.

Illi hija sostniet li l-konvenut kien allegatament jaghmel minn kollox milli jzommha li tkellimha. F'din is-sena hija kienet iccempel lit-tifla spiss imma missierha kien ikun ghassa ghaliha u kien minhabba f'hekk li ma setghetx tibghat jew taghti rigali lit-tifla allavolja hi hekk riedet taghmel. Illi hija qalet ukoll li bintha Anita qaltilha li l-konvenut allegatament kien gieli ttantaha u kien jghidilha biex tinza' l-hwejjeg.

Illi hija imbaghad spjegat ukoll li mat-tielet Sibt li hi rega' kellha access ghat-tifla, Ramona, din spiccat baqghet maghha pero' wara li staqsiet lil missierha. Minn dakinhar baqghet tghix maghha. Illi t-tifla bdiet tghidilha hafna affarijet li ma kinitx taf bihom dwar il-konvenut fosthom li allegatament kien johodha kuljum mieghu gewwa *bars* u li kien ilibbisha hwejjeg dizonesti u li gieli halliha wahedha d-dar. Illi skond l-attrici, Ramona, rreferetilha wkoll li rat b'ghajnejha lil missierha u lil wahda Ngliza jkollhom relazzjonijiet intimi u hafna allegazzjonijiet ohra dwar il-konvenut.

Illi hija qalet ukoll li meta Ramona kienet qed tghix ma' missierha gieli hadha fuq ix-xoghol mieghu gewwa *scrap yard* u gieli raqdet hemm matul il-gurnata u hu johrog u jhalliha wahedha. L-attrici qalet li taf li gewwa dan il-post gieli nstabu drogi, immigranti llegali kif ukoll ikun hemm l-irgiel igelldu l-klieb. Illi b'hekk skond hi l-konvenut huwa ta' ezempju hazin ghat-tifla.

Illi in kontro-ezami kkonfermat li hija kienet separata minn ma' zewgha u li qabel hija u l-konvenut infirdu kompletament kienet diga' telqitu darb'ohra izda mbaghad regghu rrangaw. Ramona kienet baqghet mieghu ghax

hadielha huwa. Il-partijiet infirdu kompletament fl-1998. Qalet li damet sena sabiex tiftah il-kawza ghax il-Qorti tkun maghluqa fis-sajf u fi zmien il-Milied. Hija qablet li kien hemm digriet tal-Qorti *pendente lite* li taha access ghat-tifla u li mat-tielet darba zammet lit-tifla ghax din infurmatha li missierha qalilha li setghet izzommha. Apparti Ramona llum jghixu maghha t-tfal l-ohra taghha. Hija qalet li binha m'ghadux bi problemi tad-droga u qatt ma tressaq il-Qorti f'dan ir-rigward. Hija qablet li ghalkemm m'ghandhiex il-kura u l-kustodja tat-tifla din qed tghix maghha prezentement.

Illi **Anita Magro**, bint l-attrici, xehdet li hi minn dejjem kienet tghix m'ommha. Fiz-zmien li ommha kienet tikkoabita mal-konvenut kienu jghixu huha, hija, ohtha Ramona u l-partijiet. Hija qalet li l-konvenut gieli sawwat lil ommha u dan kien jigri qisu kull xahrejn. Hija qalet ukoll li l-konvenut u huha kienu jitlewwmu ta' spiss u l-konvenut ma jistax ghalih. Illi hija qalet li tiftakar okkazzjoni fejn il-konvenut waddab papocc tas-sodda lejn ohtha z-zghira. Huwa kienu jiehu lil bintu l-iskola. Ix-xhud kompliet li hi kellha relazzjoni tajba mal-konvenut izda meta kellha madwar tlettax-il (13) sena huwa kien jghidilha biex tinza' quddiemu meta kienu jkunu wahidhom u biex tmisslu l-parti tieghu. Din grat xi erba' darbiet ghalkemm hi qatt m'obdietu. Hija ma kienet qalet lil hadd ghax bezghet. Hija ma tafx fejn qed ighix prezentement. Ohtha Ramona qeghda tghix maghhom u qaltilha hafna affarijiet dwar il-koportament tal-konvenut li ma kienx xieraq.

Illi l-**konvenut, Carmelo Bonnett,** xehed li huwa beda` r-relazzjoni tieghu ma' l-attrici fl-1987 u wara tlett (3) xhur marret toqghod mieghu. Hija kienet ilha madwar sentejn (2) separata *de facto* minn zewgha li minnu kellha zewgt itfal. Huwa qal li damu jghixu flimkien ghal madwar tnax-il (12) sena. Ghall-bidu it-tfal taghha kienu jghixu maghhom, imbaghad marru ghand missierhom u wara marru jghixu wahedhom. Mir-relazzjoni taghhom twieldet tifla li jisimha Ramona fl-1990. Huwa allega li Lourdes kienet issawwat lit-tfal taghha bl-addocc u ghal kull haga ta' xejn. Lil Ramona ma kinitx issawwatha ghax kien izommilha huwa. Huwa qal li t-tifla kienet tkun mieghu sa nofsinhar ghax l-

attrici kienet tarma l-Monti u dan sakemm it-tifla bdiet tmur l-iskola. Qal ukoll li l-attrici kellha vizzju li ma tibghatx lit-tfal l-iskola u rcevew diversi citazzjonijiet f’dan il-kuntest.

Illi huwa qal li l-attrici qatt ma kienet issajjar, dejjem rieqda, kienet tixrob u qabel ma bdiet ir-relazzjoni mieghu jaf li kienet tpejjep il-haxixa. Filghaxija kienet tiehu lit-tifla ghand ta’ fuqhom, huwa kien jorqod u hi kienet tmur lura d-dar f’xi s-saghtejn ta’ filghodu.

Illi dwar Anita qal li lil din prattikament rabbiha huwa u li kienet tiggieled kontinwament m’ommha u jiftakar li darba kien hemm kaz fejn irrappurtat lil ommha u ttellghet il-Qorti. Anita sa anki telqet mid-dar. Anki mat-tifel, Jeffrey, kienet tiggieled kontinwament u kienet issawwtu wkoll. Meta kiber dan kellu wkoll problemi bid-droga. Huwa qal li r-raguni ghaliex iggieldu u ma baqghux ighixu flimkien kienet li kellhom glieda kbira fejn hi waddbitlu borma li ghaddiet ma’ wicc it-tifla u mbaghad gew fl-idejn. Huwa qal anke li l-attrici kienet tmur Paceville u tiehu lit-tfal maghha. L-affarijiet kienu ilhom fi stat hazin. Kien ghalhekk li telaq mid-dar. It-tifla qaltlu li riedet tmur mieghu u fil-fatt hadha mieghu. Hu qal li t-tifla qatt ma ppruvat tikkomunika mat-tifla. Huwa kien iqabbad lit-tifla iccempel lil ommha izda l-attrici kienet tghidilha kontrih. Tul dik is-sena qatt ma ppruvat tara lit-tifla. Wara xi ghaxar xhur ircieva l-ewwel ittra biex tibda taraha. Ghalhekk fil-bidu nghatat access. Wara t-tielet darba hija zammet lit-tifla. Huwa qal ukoll li minhabba li Ramona kellha hafna tensjoni huwa kien hadha ghand il-pedjatra li kien taha xi mistura. Skond hu t-tifla kellha din it-tensjoni ghax kienet tibza’ minn ommha. It-tifla suppost kellha tkompli bil-kura.

Illi **Caroline Grech Bonnici** xehdet li hija kienet involuta bhala *Social Worker* fil-kaz ta’ Anita Magro li gie riferut lilha mill-*Victim Support Section* fit-23 ta’ Jannar 1997 wara li kien sar rapport lilhom mit-tifla stess. Hija kienet irrapportat li giet imsawwta minn ommha wara li huma kienu ggieldu ghax Anita kienet refghet idejha fuq ohtha z-zghira. Ix-xhud marret l-iskola u kellmet lit-tifla. Meta x-xhud marret id-dar ta’ l-attrici qaltilha li kien hemm hafna

tensjoni bejniethom. Hija baqghet issegwi l-kaz sa Gunju 1997 izda sussegwentement il-kaz rega' nfetah peress li Anita regghet irrapportat swat minn ommha.

Illi dwar l-ambjent familjari xehdet li d-dar ta' l-attrici kienet nadifa u t-tfal kellhom il-kamra taghhom pero' qabel marret kienet avzat lill-attrici li kienet se tmur. Fil-*file* relattiv sabet nota fis-sens illi ttiehdu proceduri kriminali kontra l-attrici izda l-Ispettur kienet insiet tharrikha u l-proceduri waqghu. Meta rega' nfetah il-*file* il-kaz kien ukoll jirrigwarda swat originat minn tensjoni familjari.

Illi **Vincent Peresso** surmast ta' l-iskola primarja ta' Hal Tarxien xehed li Ramona kienet tattendi din l-iskola sakemm telqet fit-23 ta' April 2001 u marret fl-iskola taz-Zurrieq. Huwa esbixxa fotokopji ta' l-attendenzi taghha.

## III. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>

Illi l-attrici qeghda titlob il-kura u l-kustodja tal-minuri Ramona Magro u li jigi ffissat access ghall-konvenut missier. Illi fil-kontro-talba tieghu l-konvenut ukoll qed jitlob il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri.

Illi l-Qorti ser tghaddi biex taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura legali u li huma applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Illi jinghad li l-kontendenti f'din il-kawza ma humiex mizzewgin izda huma zewg persuni li kellhom relazzjoni flimkien ta' bejn wiehed u iehor tnax-il (12) sena. Minn din ir-relazzjoni twieldet hlejqa nnocenti, u minghajr ma trid hi, hija c-centru tal-kontroversja ta' bejniethom. It-tnejn li huma qed jippretendu li ghandha tinghatalhom il-kura u l-kustodja esklussiva ta' l-istess minuri.

Illi kif intqal fis-sentenza **"Melissa Micallef pro et noe vs Konrad Scotto"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002 - Cit. Nru: 2259/97/RCP):-

*"Illi sfortunatament f'dawn it-tip ta' kawzi, din il-Qorti trid taghmel u tiehu decizjoni li f'certu kazijiet tista' tkun difficli u li ghal xi wahda mill-partijiet ma tkunx tiggjova. Pero'*

*minkejja dan, il-kontendenti f'kull kawza bhal din in ezami u f'kawzi ohra ta' separazzjonijiet personali fejn ikun hemm involuti il-minuri ghandhom japprezzaw illi l-pozizzjoni taghhom, galadarba jkunu gew quddiem il-Qorti jffittxu d-decizjoni taghha, ma tkunx ghadha l-istess bhal ma kienet qabel ma jkunu nbdew il-proceduri gudizzjarji. Dan jimporta illi s-sitwazzjoni ta' bejniethom tkun tbiddlet, xi kultant bi ftit, u xi kultant b'hafna. Illi f'dan l-isfond, il-kontendenti ikunu jridu jifhmu u japprezzaw illi huma bhala genituri iridu jzomm l-interess tal-minuri dejjem suprem. Ma jistax ikun illi kulhadd ikun kuntent bid-decizjoni li tinghata mill-Qorti. Pero' dejjem jipprova jinholoq bilanc bejn l-obbligi u d-drittijiet tal-kontendenti kollox fl-interess suprem ta' l-istess minuri, u fil-kazijiet normali huma l-genituri li ghandhom jaraw x'inhu l-interess ta' l-istess minuri, u ma jhallux l-interess taghhom individwali jiehu s-sopravent, b'dan li l-atteggjament taghhom stess ikun ta' hsara ghall-istess minuri. Dan qed jinghad il-ghaliex galadarba l-affarijiet ikunu waslu sal-punt illi l-Qorti jkollha taghti s-sentenza taghha allura ser jkun hemm xi sagrifficji li kull wiehed u wahda mill-partijiet ser ikollha taghmel, u dan principalment minhabba n-nuqqas taghhom stess, fejn jidher li f'dan il-kaz, iddahhlet pika, b'doza qawwija, b'detriment tal-partijiet innifishom li ghamlu minn kollox biex iferu lill-xulxin, bl-iskop li jiskuraw lil xulxin f'ghajnejn il-Qorti, u dan il-Qorti qed tghidu b'dispjacir kbir, l-ewwel nett ghat-trawma li l-partijiet dahhlu lilhom infushom fiha, u wkoll peress li din l-attitudini certament li ma kenitx ta' gid ghall-istess minuri".*

Illi dan japplika wkoll ghall kawza odjerna specjalmernt meta wiehed jirreferi ghax-xhieda ta' l-istess partijiet, xhieda li l-partijiet damu sentejn shah biex iressqu, b'hafna differimenti u seduti mizmuma ghal xejn.

Illi dan premess jinghad li l-kontendenti f'din il-kawza ma humiex mizzewwgin. Il-mistoqsija allura illi wiehed jistaqsi huwa jekk japplikawx jew le l-artikoli tal-ligi li jitkellmu fuq il-minuri, liema artikoli tal-ligi jinsabu fl-ewwel ktieb tal-**Kodici Civili** taht l-intestatura **Fuq il-Persuni Titolu I Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet li jitnisslu miz-Zwieg Sub-titolu III Fuq il-Firda Personali**. Jinghad mill-ewwel illi

anke jekk ghas-sahha ta' l-argument dawn ma japplikawx ghal kaz *de quo*, xorta ghandhom japplikaw il-principji generali li jitnisslu minn dawn l-artikoli fir-rigward tal-minuri. Ghalhekk din il-Qorti ghalkemm ser taghmel xi referenza ghall-artikoli tal-ligi li jinsabu fl-intestaturi hawn fuq indikati, hija qeghda zzomm quddiem ghajnejha wkoll il-fatt illi l-kontendenti f'din il-kawza m'humiex mizzewgin. Dan qed jinghad il-ghaliex dawn l-artikoli jitkellmu fuq il-manteniment, il-kura u l-kustodja tal-minuri, it-trobbija u l-edukazzjoni tal-minuri. Zgur almenu japplikaw allura l-kuncetti strettament legali. Anke l-ligi wkoll donnha ma taghmilx distinzjoni bejn ulied li l-genituri taghhom huma maghqudin fiz-zwieg u genituri illi m'humiex hemm maghqudin fiz-zwieg. Bhala ezempju jigi ikkwotat l-**artikolu 7 tal-Kap. 16** li jghid testwalment li "*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B*".

**<u>IL-KUNCETT TA' KURA U KUSTODJA.</u>**

Illi dwar dan is-suggett jinghad illi kienu hafna s-sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati. Forsi huwa l-kaz illi tissemma xi gurisprudenza *in subjecta materia*.

Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless"**, deciza fit-8 ta' Dicembru, 1858 (Vol. I.180) inghad illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera piu' atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"John Cutajar vs Amelia Cutajar et"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 1956 (Vol. XL.II.714) inghad *"illi, apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'dina l-*

*kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

Illi kompliet tghid dik il-Qorti illi *"fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess m'ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett ta' l-istess tfal; bhal m'ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita` li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta ta' l-azzjoni li bniedem jkun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure' dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun gheleb kwalunkwe kunsiderazzjoni ohra li di fronti ghalih (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza"*

Illi hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe"** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol. XLII.ii.1068) inghad *"li l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta' Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili 8 ta' Dicembru 1858, "Lawless utrinque", Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867,* ***"Camenzuli vs. Gatt",*** *Volume IV, pagina 74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re* ***"John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"****; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju ta' l-*

*aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa"** deciza fl-10 ta' Gunju, 1964 (XLVIII.ii.1033) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nghad illi *"b'gid tat-tfal ghandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben esseri morali taghhom. It-tfal, f'kawzi bhal dawn, m'humiex oggett in kontraversja u l-interess tal-genituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja taghhom huwa nservjenti ghall-interess tat-tfal".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1998 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child.*

*The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et vs Joseph Portelli"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1994 hemm is-segwenti bran li hu ta' nteress mhux zghir ghal kawzi li jigu quddiem din il-Qorti. Il-parti nteressanti ta' din is-sentenza ser tigi ikkwotata kelma b'kelma:-

*"Id-domanda li ghamlet l-attrici fil-kawza, se tigi ripetuta verbatim sabiex tigi ccarata l-pozizzjoni giuridika korretta tal-kaz prezenti. Din tghid:-*

*"Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:- Fl-ahjar interess ta' l-imsemmi minuri James Joseph Portelli tordna illi l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri James Joseph Portelli tigi fdata lill-imsemmija ommu Tracy Portelli, illum Sample u taghti dawk il-provvedimenti kollha illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.*

*Illi dan jorbot il-Qorti li ma tistax - minn jeddha - tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet, (hlief fil-kazijiet u l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu) u ghalhekk hafna mill-fatti u konsiderazzjonijiet li gew imsemmija - li ma jattjenux ghad-domanda, m'humiex verament rilevanti".*

Illi din il-Qorti allura, mehud in konsiderazzjoni dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell f'dan il-kaz hawn appena citat tifhem illi f'certa kazijiet il-Qorti tista' tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fl-att tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu.

Illi dawn il-principjji hawn fuq elenkati, apparti li johorgu mis-sens komun u logika ta' dak li jkun, ghandhom ukoll isibu konfort fil-gustizzja naturali li l-bniedem minn dejjem haddan. Anke l-artikoli tal-ligi bhal per ezempju l-**artikoli 47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili** huma kollha ndikattivi li l-Qorti f'kazijiet fejn hemm involuti t-tfal ghandha tara li l-gid taghhom jithares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawza sia jekk dawk il-kontendenti jkunu mizzewgin u sia jekk il-kontendenti, bhal ma huma f'dan il-kaz m'humiex mizzewgin.

Illi anke f'sentenza recensjuri moghtija minn din l-istess Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"Monique Grecula vs Ronald Allen Grecula"** deciza fis-6 ta' Marzu 2002 inghad:-

*"Illi ghalhekk abbazi tal-principji fuq enuncjati li jirregolaw l-kura u l-kustodja ta' minuri f'Malta jidher din il-Qorti ghandha dejjem thares l-lejn l-interess suprem tal-istess minuri, liema interess huwa dejjem superjuri ghal dak ukoll sekondarju tal-partijiet fil-kawza u cjoe' l-genituri tal-istess tant li tali principju gie ndikat bhala il-paramountancy principle fil-kaz Ingliz **"J vs C"** (HL 1969) minn Lord McDermott iccitat fil-kawza **"Marisa Josephine Shafiquzzaman vs Syed Shaffiquzzam"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 1999)".*

Illi f'din is-sentenza ta' **"Grecula vs Grecula"** inghad ukoll minn din il-Qorti *"Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza riportata **"A vs B"** (P.A. (GC). 19 ta' Awissu 1998 – LXXXII.iii.243) fejn inghad li*:-

*"In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court refers to a judgement of the Honourable Court of Appeal in the names **Leslie Anne Pace vs Joseph Pace** decided on the 27 th March, 1998".*

Illi dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati f'diversi sentenzi Maltin fosthom **"A vs B"** (A.C. 15 ta' Dicembru 1997 – Vol. LXXXI.ii. 956) u **"Ronald Apap vs Ruby Ritchie pro et noe"** (A.C. 27 ta' Ottubru 1995 – LXXIX.ii. 624) fejn gie stabbilit ukoll il-principju li fl-*"ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta' x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata".* Ta' l-istess portata hija s-sentenza **"L-Avukat Dr. Stephen Thake nomine vs Joseph Portelli"** (A.C. (GMB). 4 ta' Novembru 1994 – Vol. LXXVIII.ii.338).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet fil-kawza u fir-rikorsi taghhom ghamlu diversi allegazzjonijiet kontra xulxin li huma pjuttost serji. Huma wzaw dawn il-proceduri biex ikomplu jimpikaw ma' xulxin u uzaw lil binthom minuri

bhala arma. Dan huwa komportament li din il-Qorti tiddeplora ghax b'hekk issir izjed hsara fuq il-minuri.

Illi apparti dan din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, hatret lil Louise Xerri biex taghmel relazzjoni dwar il-kaz in kwistjoni. Minn din ir-relazzjoni jidher li hija kellmet u marret ghand il-partijiet kif ukoll tkellmet ma' nies li jiffiguraw fil-hajja tal-minuri. Illi fil-konkluzjonijiet u suggerimenti taghha Louise Xerri qalet hekk:-

*"Wara diversi nterventi li jien ghamilt mal-genituri tal-minuri Ramona Magro jien wasalt ghal dawn il-konkluzjonijiet:-*

- *Ms. Lourdes Magro u Mr. Carmelo Bonnett it-tnejn jidhru li ghandhom interess genwin f'Ramona.*

- *Li ghaldaqstant it-tnejn li huma qed jaghmlu hilithom biex ikollhom pussess assolut fuq din l-istess Ramona.*
- *Bhala rizultat ta' dan Ramona spiccat uzata bhala arma bejniethom. Min ighidilha kontra wiehed u min jghidilha kontra l-ohra. Tant li hi dehret imbezza u ma tantx setghet taghti l-opinjonijiet veri taghha dwar dak li hi tixtieq. Hassejt li bdiet tghidli dak li riedu jisimghu dawk li kien hemm prezenti f'dak il-mument, pero' anki meta kellimtha wahedha, ma tantx setghet tesprimi opinjonijiet personali minhabba l-fatt li hi kienet tiddependi tant minn missierha jew ommha.*

- *Fil-konfronti taghhom Mr. Bonnett u Ms. Magro t-tnejn ghamlu allegazzjonijiet degredanti kontra xulxin u li skond l-opinjoni taghhom it-tnejn ma tantx huma idonji biex jiehdu kura u kustodja ta' Ramona.*

- *Jien fil-laqghat li kelli mal-genituri u membri ohra taz-zewg familji spjegajt bic-car fuq il-konsegwenzi negattivi li jistghu jirrizultaw jekk Ramona ma jkollhiex mudelli tajbin ta' missier u ta' omm. Ghidtilhom ukoll li huma t-tnejn ghandhom responsabilita' kbira lejn Ramona biex jaghtuha trobbija ezemplari u cans li taghmel success f'hajjitha. Ramona diga' qed turi xi sintomi negattivi u dan*

*jidher mill-fatt li hi qed tattendi Child Development Assessment Unit go l-isptar San Luqa.*

- *Mill-home visits li ghamilt fir-resdenzi rispettivi ta' missier u omm Ramona jidher li Ramona ghandha aktar kumdita' ghand ommha biex tista' tilhaq il-mile stones normali fl-izvilupp taghha.*
- *Minn naha l-ohra ghand missierha Ramona ghandha diversi pets li prezentement hi mhux qed tgawdi. Hija nfatti wriet ix-xewqa li jkollha xi ritratt ta' l-annimali taghha. Ikun tajjeb ukoll li Ramona jkollha possibilita' li hi tibqa' tara dawn l-istess annimali b'mod regolari.*

- *Meta jien kellimt lil Ms Ellul, il-kap ta' l-iskola fejn tattendi Ramona, hija qaltli li hi thoss li Ramona ghalkemm batuta akkademikament pero' il-home work taghmlu. Hija tithallat tajjeb ma' tfal ohra u tidher li thobb hafna l-annimali, l-iskola kienet tattendi b'mod regolari.*

- *Jidher li f'dan il-kaz Ramona jkollha hajja aktar soddisfacenti jekk izzomm kuntatti regolari ma' missierha u ommha. Fl-istess waqt il-genituri taghha jistghu jibbenefikaw minn xi forma ta' parenting sklls.*

- *Dan il-fattur jista' jghin fir-relazzjonijiet interpersonali taghhom anke ma' wliedhom l-ohra li huma wkoll jistghu jibbenefikaw minn xi forma ta' sapport adattat."*

Illi bhal konkluzjoni finali l-istess, Louise Xerri, qalet li *in vista* ta' dak kollu li ssemma' jidher li l-hajja ta' Ramona tkun aktar normalizzata jekk hi tghix m'ommha. Fl-istess waqt hi ghanda d-dritt ukoll tara lil missierha b'mod regolari izda l-importanti hu l-fatt li f'hajjitha jkollha stabbilita u mhux tibdil kontinwu u li hi ma tkunx esposta ghall-kwalita' ta' ambjenti negattivi li jistghu jaffetwawlha l-formazzjoni ta' valuri sodi.
Illi meta giet eskussa qalet li hija ma kinitx indunat li Anita kienet tqila u li dwar Jeffrey ma nnutat xejn stramb. Meta ltaqghet mal-familja ta' l-attrici dehru familja pjuttost trankwilla u li kien hemm hafna galbu. Hija qatt ma marret minghajr avviz ghand iz-zewg familji. Hija ma nvestigatx l-

allegazzjonijiet maghmula pero' hasset li kellha tnizzilhom fir-rapport. Qalet ukoll li nnutat serenita' u trankwillita' bejn l-omm u t-tifla. Pero' anki meta rat lit-tifla fil-prezenza tal-missier fil-bidu t-tifla kienet kuntenta u trankwilla.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mar-ragunament u mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom Louise Xerri f'rapport li gie pprezentat fl-4 ta' Settembru 2000, li l-partijiet xorta wahda baqghu jiddibattu fuqu u b'hekk wasal li din is-sentenza ser tinghata iktar minn tlett (3) snin minn meta gie prezentat l-istess rapport u meta l-minuri nkwistjoni ghandha llum 'il fuq minn tlettax (13) il-sena.

Illi b'hekk din il-Qorti se tiddeciedi l-kawza u r-rikorsi pprezentati billi tikkonkludi li ma hemm l-ebda dubju li li l-kura u l-kustodja tal-minuri Ramona Magro ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici b'dan illi l-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri kull nhar ta' Erbgha bejn l-4.00 p.m. u s-7.00p.m.. Fil-*weekends* il-konvenut ghandu jkollu access ghat-tifla darba s-Sibt u darba l-Hadd b'mod alternat bejn il-9.00a.m. u sal-11.00a.m. L-access ghandu jkun ezercitat billi t-tifla tingabar u tittiehed lura minn quddiem il-Knisja tar-Rahal Gdid. *Inoltre'* jinghad li l-minuri m'ghandha qatt tkun fil-presenza ta' persuna tas-sess oppost meta tkun ma' xi hadd mill-genituri taghha li mhux membru tal-familja u l-istess minuri m'ghandha qatt titiehed mill-ebda wiehed mill-genituri f'lantijiet u postijiet indicenti, f'kull sens tal-kelma. Minbarra dan din il-Qorti tordna wkoll lill-Agenzija Appogg sabiex *tramite Social Workers* adatti, kwalifikati u kompetenti jibqghu jsegwu perjodikament il-progress ta' l-istess minuri, kemm waqt il-kura u l-kustodja ma' l-omm u kemm waqt l-access ta' l-istess minuri mal-missier u jaghmlu rapport ta' l-istess almenu darba kull tlett xhur b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

Illi dan qed jinghad ukoll peress li l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet ta' l-istess esperta socjali li l-istess minuri ghandu jkollha kemm jista' jkun hajja stabbli b'dan li interazzjoni ma' l-omm ghandha tigi normalizzata u tenuta

stabbli filwaqt li ghandha jkollha access ragonevoli ghall-missier

Illi minhabba li tifla illum diga' qeghda tghix m'ommha it-tieni u tielet talba attrici gew sorvolati.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut u *in vista* ta' dak premess, it-talba kontenuta fl-istess qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk dwar ic-citazzjoni attrici u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-**tieni (2) u t-tielet talba attrici** *stante* li dawn jinsabu ezawrienti peress li l-istess minuri gja tinsab fil-kura u kustodja effettiva ta' l-attrici, **tilqa' l-ewwel talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-minuri Ramona Magro ghandha tigi fdata fil-kura u kustodja ta' l-attrici u tghix ma' l-istess attrici b'dan pero' li l-konvenut ghandu jkollu dritt ta' access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha bejn l-4.00 p.m. u s-7.00 p.m, u fil-*weekends* darba s-Sibt u darba l-Hadd, b'mod alternat, bejn il-9.00a.m. u sal-11.00a.m. L-access ghandu jkun ezercitat billi t-tifla tingabar u tittiehed lura minn quddiem il-Knisja tar-Rahal Gdid. *Inoltre'* jinghad li l-minuri m'ghandha qatt tkun fil-presenza ta' persuna tas-sess oppost li mhux membru tal-familja meta tkun ma' xi hadd mill-genituri taghha u l-istess minuri m'ghandha qatt titiehed mill-ebda wiehed mill-genituri f'lantijiet u postijiet indicenti, f'kull sens tal-kelma. Minbarra dan din il-Qorti tordna wkoll lill-Agenzija Appogg sabiex *tramite Social Workers* adatti, kwalifikati u kompetenti jibqghu jsegwu perjodikament il-progress ta' l-istess minuri, kemm waqt il-kura u l-kustodja ma' l-omm u kemm waqt l-access ta' l-istess minuri mal-missier u jaghmlu rapport ta' l-istess almenu darba kull tlett xhur b'effett mid-data ta' din is-sentenza. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex

tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

Illi apparti dan l-istess konvenut jkollu access ghall-istess minuri alternattivament darba fl-Milied u darba fl-ewwel tas-sena, (b'dan li l-minuri f'sena tqatta' l-Milied ghand parti u fl-Ewwel tas-sena ghand l-ohra), u l-istess konvenut jkollu access alternattivament ma' l-attrici fl-istess sena darba fl-Ghid u darba fl-eghluq snin l-istess minuri, (b'dan li l-minuri fl-istess sena tqatta' l-Ghid ma' genitur u gheluq sninha ma' l-iehor) u f'dawn il-granet ta' festi, l-access tal-konvenut ikun mill-11.00a.m. sas-3.00p.m.

Illi dan l-access ghandu wkoll jkun ezercitat billi l-minuri tingabar u tittiehed lura minn quddiem il-Knisja ta' Rahal Gdid fil-hin fuq indikat.

Illi l-ispejjez kollha tal-kawza attrici ghandhom jigu sopportati mill-konvenut hlief ghan-notifika ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg *stante* li tali notifika ghandha tkun a spejjez attrici.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut, ghall-istess motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi **tichad l-istess kontro-talba tal-konvenut** *stante* li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri Ramona qed tigi effettivament fdata f'idejn l-attrici.

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba ghall-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------